2024/1626

4.7.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 71/2024

tal-15 ta' Marzu 2024

li temenda l-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE [2024/1626]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2019/1238 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar Prodott tal-Pensjoni Personali pan-Ewropew (pan-European Personal Pension Product, PEPP) ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Ir-Regolament (UE) 2019/1238 jispeċifika l-każijiet fejn l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (European Insurance and Occupational Pensions Authority, EIOPA) tista' temporanjament tipprojbixxi jew tirrestrinġi ċerti attivitajiet finanzjarji, u jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għalihom, f'konformità mal-Artikolu 9(5) tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]). Għall-finijiet tal-Ftehim dwar iż-ŻEE, dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, f'konformità mal-punt 31h tal-Anness IX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE u skont il-kundizzjonijiet preskritti fih. Biex żgur ikun hemm integrazzjoni tal-għarfien espert tal-EIOPA fil-proċess u konsistenza bejn iż-żewġ pilastri taż-ŻEE, tali deċiżjonijiet tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA jiġu adottati fuq il-bażi ta' abbozzi mħejjija mill-EIOPA. Dan jippreserva l-vantaġġi ewlenin ta' superviżjoni minn awtorità waħda.

(3) L-Istati tal-EFTA għandhom, meta jiddefinixxu liema pajjiżi għandhom ikunu fil-lista ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom, iqisu bis-sħiħ il-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa.

(4) Il-Partijiet Kontraenti jaqblu li din id-Deċiżjoni timplimenta l-ftehim rifless fil-konklużjonijiet ([3]) tal-Ministri tal-Finanzi u l-Ekonomija tal-UE u tal-Istati tal-EFTA membri taż-ŻEE tal-14 ta' Ottubru 2014 dwar l-inkorporazzjoni tar-Regolamenti dwar l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (European Supervisory Agreements, ESAs) tal-UE fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(5) Għalhekk jenħtieġ, li l-Anness IX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness IX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. It-titolu tal-Kapitolu IV għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

   iv. **"Dispożizzjonijiet dwar l-Irtirar Okkupazzjonali u Pensjonijiet"**

2. Dan li ġej jiddaħħal wara l-punt 31d (id-Direttiva (UE) 2016/2341 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

   '31da. **32019 R 1238**: Ir-Regolament (UE) 2019/1238 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar Prodott tal-Pensjoni Personali pan-Ewropew (PEPP) (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 1).

([1]) ĠU L 198, 25.7.2019, p. 1.
([2]) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48.
([3]) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Ministri tal-Finanzi u l-Ekonomija tal-UE u tal-Istati tal-EFTA membri taż-ŻEE, 14178/1/14 REV 1.

Għall finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1 ta' dan il-Ftehim, u sakemm ma jkunx provdut mod ieħor f'dan il-Ftehim, it-termini Stat Membru/(i) u awtoritajiet kompetenti għandhom jinftiehmu li jinkludu, apparti t-tifsira tagħhom fir-Regolament, l-Istati tal-EFTA u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom, rispettivament.

(b) Sakemm ma jkunx provdut mod ieħor f'dan il-Ftehim, l-Awtorità Ewropea tal-Assikurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom jikkooperaw, jiskambjaw informazzjoni u jikkonsultaw lil xulxin għall-iskopijiet tar-Regolament, b'mod partikolari, qabel ma tittieħed xi azzjoni.

(c) Ir-referenzi għas-setgħat tal-EIOPA skont l-Artikoli 9(5) u 19 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għandhom jinftiehmu bħala li jirreferu, fil-każijiet previsti u f'konformità mal-punt 31h ta' dan l-Anness, għas-setgħat tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA fir-rigward tal-Istati tal-EFTA.

(d) Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan il-Ftehim, ir-referenzi għal-liġi tal-Unjoni għandhom jinftiehmu bħala li jirreferu għall-Ftehim ŻEE.

(e) Fl-Artikolu 18(3), fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem "l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament" għandu jinqara "id-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 71/2024 fil-15 ta' Marzu 2024".

(f) Fl-Artikolu 41(1)(g), fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem "ġurisdizzjoni li ma tikkooperax għal finijiet ta' taxxa identifikata fil-konklużjonijiet applikabbli tal-Kunsill dwar il-lista ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa" għandu jinqara "ġuriżdizzjoni li ma tikkooperax identifikata mil-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istat tal-EFTA kkonċernat".

(g) Fl-Artikolu 65:

(i) Fil-paragrafu 2, il-kliem "jew, fil-każ tal-Istati tal-EFTA, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kelma "EIOPA";

(ii) fil-paragrafi 3, 4, 5, 7 u 8 il-kliem "jew, skont il-każ, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kelma "EIOPA";

(iii) fil-paragrafu 4, il-kliem "mingħajr ma tinħareġ l-opinjoni" għandu jiġi sostitwit bi "mingħajr ma l-EIOPA toħroġ l-opinjoni";

(iv) fil-paragrafu 6, il-kliem "kwalunkwe deċiżjoni" għandhom jiġu ssostitwiti bil-kliem "kull waħda mid-deċiżjonijiet tiegħu";

(v) fil-paragrafu 6, il-kliem "L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tippubblika fuq is-sit web tagħha avviż dwar kull waħda mid-deċiżjonijiet tagħha li tieħu kwalunkwe azzjoni skont dan l-Artikolu. Referenza għall-pubblikazzjoni tal-avviż mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha titqiegħed fuq is-sit web tal-EIOPA. għandu jiddaħħal wara l-kelma "Artikolu".

(h) Fl-Artikolu 66(3) u (4), il-kliem "u għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA" għandu jiddaħħal wara l-kelma "għall-awtoritajiet kompetenti".

(i) Fl-Artikolu 74, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, it-tieni subparagrafu għandu jinqara kif ġej:

"Dan ir-Regolament għandu japplika mhux aktar tard minn 12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li fihom l-atti delegati msemmija fl-Artikoli 28 (5), 36 (2), 30 (2), 33 (3), 37 (2), 45 (3) u 46 (3).".

Artikolu 2

It-test tar-Regolament (UE) 2019/1238 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment dwar iż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-16 ta' Marzu 2024, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 15 ta' Marzu 2024.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Nicolas VON LINGEN

(*) Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonali.